SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 08/K5/05

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 27/10/'05 197**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 27/10/'05 250**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2005.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-4.00 p.m.

1.03 Preżenti: Ħames membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier Robert Camenzuli.

1.05 Assenti: Il-Kunsillier David Borg.

1.06 Preżenza tal-pubbliku: 1

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fil-21 ta' Ottubru 2005. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Tenders:
   - Contracts Manager
   - Ġbir u Separazzjoni ta' Skart
   - Tneħħija ta' Chewing Gum mill-Pjazza tal-Balluta
4. Attivitajiet tal-Milied
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 7/K5/05 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 7/K5/05.

1.3.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 3875 | Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward devoluzzjoni ta' area quddiem it-Tigulio. |
| 4199 | Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-ħaddiema ta' l-IPSL. |
| 4431 | Ċirkulari mingħand l-AKL rigward ftehim dwar il-bus shelters. |
| 4542 | Ittra mingħand SR Services dwar l-underground Bring In Site f'Paceville. |
| 4543 | Ittra mingħand numru ta' sidien tal-ħwienet fejn talbu biex issir un/loading bay f'Paceville Avenue. |
| 4554 | Nota ta' ringrazzjament mingħand il-Kunsillier Richard W. Scicluna. |
| 4571 | Ittra mingħand is-Sinjura Connie Said rigward talba għal tnaqqis fil-ħinijiet tax-xogħol. |
| 4574 | Ittra mingħand San Giuliano Ltd. rigward Xatt is-Sajjieda. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru. 3875

B'riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward devoluzzjoni ta' area quddiem it-Tigulio ġie deċiż unanimament li l-ittra tintbagħat lill-M.P.&D.C. biex tittieħed kull azzjoni neċessarja iżda jekk jirriżulta li l-art hija privata jitwaqqaf il-proċess.

2.03 Rif. Nru. 4199

Saret riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-ħaddiema ta' l-IPSL. Ġie deċiż unanimament li s-Sindku jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv bil-proposta.

2.04 Rif. Nru. 4431

B'riferenza għaċ-ċirkulari mingħand l-AKL rigward ftehim dwar Bus Shelters, il-Kunsill qabel unanimament ma' dan il-ftehim.

2.05 Rif. Nru. 4542

Saret riferenza għall-ittra mingħand SR Services dwar l-underground Bring-In Site f'Paceville. Ġie deċiż unanimament li d-Direttur Ġenerali tal-Works Division jerġa jiġi infurmat illi dan kien proġett tal-Gvern u għalkemm il-Kunsill huwa favur il-Bring-In Sites fil-lokalita', il-Kunsill m'għandux il-finanzi ma' l-allokazzjoni tal-budget għal din l-ispiża. Għaldaqstant ma jistax jassumi din r-responsabbilta'.

2.06 Ġie deċiż ukoll li l-Ministeru għar-Risorżi Umani u Infrastrutta, Taqsima tax-Xogħolijiet Dipartiment tal-Bini u l-Inġinerija jiġu nfurmati bl-indirizz tal-Kunsill.

2.07 Rif. Nru. 4543

B'riferenza għall-ittra mingħand numru ta' sidien tal-ħwienet għal talba biex issir un/loading bay f'Paceville Avenue ġie deċiż unanimament li l-din l-ittra tintbagħat l-ADT u jiġi r-rakkomandat li l-un/loading bay issir mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m.

2.08 Rif. Nru. 4571

Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sinjura Connie Said rigward talba biex taħdem 'reduced hours'. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament mat-talba ta' l-iskrivana Connie Said u li s-Segretarju Eżekuttiv tieħu l-miżuri kollha skond il-liġi dwar il-paga u d-drittijiet l-oħra tal-leave / sick leave eċċ.

2.09 Rif. Nru. 4574

B'riferenza għall-ittra mingħand San Giuliano Catering Ltd. dwar Xatt is-Sajjieda, l-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li tiġi ffirmata l-ittra mis-Sindku Peter Bonello u l-Kunsilliera Richard Scicluna u David Borg.

**3. Tenders:- Contracts Manager**

3.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'Schedule li tinkludi l-informazzjoni dwar min ittenderja (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Wara diskussjoni qasira u minħabba l-fatt li s-servizz li ngħata minn Sant & Mugliett dawn l-aħħar snin kien tajjeb ħafna, is-Sindku Peter Bonello ppropona li t-tender jingħata lil Sant & Mugliett.

3.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.05 Ġbir u Separazzjoni ta' Skart**

3.06 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'schedule li tinkludi l-informazzjoni dwar min ittenderja (Ara Appendiċi 'B').

3.07 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsillier Richard Scicluna ppropona li t-tender jingħata lill-Northern Cleaning Co-op Ltd u jiġi aċċettat **items 1 u 4** tal-Bills of Quantities (ara Annex 5) kif ukoll **items a,ċ,**u **d** ta' l-ittra mehmuża mat-tender datata 24 ta' Settembru 2005 **u l-kjarifikazzjoni li ngħatat waqt il-laqgħa li saret fis-27 t'Ottubru 2005** (ara incoming 4587) . Dan dment li jsir it-tindif ta' l-iskips u l-iscammels regolarment.

3.08 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

3.09 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.10 Il-Kunsill qabel unanimament li jiġi nfurmat n-Northern Cleaning Co-op Ltd sabiex jitbattlu l-iskips nhar il-Ħadd 30 ta' Ottubru 2005.

**3.11 Tneħħija ta' Chewing Gum mill-Pjazza tal-Balluta**

3.12 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'schedule li tinkludi l-informazzjoni dwar min ikkwota (Ara Appendiċi 'Ċ').

3.13 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Richard Scicluna ppropona li tiġi aċċettata l-offerta ta' l-Ozosystem Ltd.

3.14 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

3.15 Il-Kunsillier qabel unanimament.

**4. Attivitajiet tal-Milied**

4.01 B'riferenza għall-attivitajiet tal-Milied ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ Minflokk jintbagħtu kartolini tal-Milied tingħata donazzjoni ta' Lm 100.00 lill-M.U.S.E.U.M. ta' San Ġiljan.
- ✓ Isir tiżjin bid-dawl dekorattiv, bħas-sena l-oħra, in-naħa tal-pont li jagħti għall-knisja parrokkjali, il-Pjazza Spinola u l-Pjazza tal-Balluta.

- ✓ Issir ikla għall-Kunsilliera, l-istaff u l-partners tagħhom fejn jiġu mistiedna ukoll l-ex-Kunsilliera tal-Kunsill preċedenti bil-partners, nhar il-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2006, ġewwa il-Hilton.

- ✓ Tingħata tifkira lill-membri kollha tal-Kunsill preċedenti inkluż is-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff bħala rikonoxximent għall-ħidma tagħhom.

- ✓ Issir ħarġa għall-Anzjani tal-lokalita`. Is-Sindku Peter Bonello u l-Kunsilliera Irene Borg ser jieħdu ħsieb din l-attivita'.

- ✓ Jingħata xorb u ċikkolatini lill-kuntratturi u ħaddiema oħra tal-Kunsill bħala rikonoxximent għall-ħidma tagħhom.

- ✓ Jiġu allokati Lm2800 għall-attivitajiet tal-Milied.

**5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

5.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1914 sa 1928 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

6.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn 1914 sa 1928.

6.03 Il-Kunsillier Irene Borg issekondatu.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Materji Oħra**

7.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

7.03 Iċ-Chairman Peter Bonello għamel riferenza għas-site-plan (Ara Appendiċi 'F') il-parti mmarkata safra u l-parti mmarkata roża li hija bla isem. Il-kelliem ġibed l-attenzjoni li, peress li din hija triq waħda u l-parti mmarkata safra taqa' taħt il-konfini ta' San Ġiljan, kien qed jissuġġerixxi

li din it-triq kollha ssir b'isem wieħed u tingħatalha l-isem ta' Triq l-Ewropa.

7.04 Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament li tintbagħat din ir-rakkomandazzjoni lill-Kumitat għat-Tismijiet tat-Toroq.

7.05 Il-Kunsill ġie nformat li l-kwotazzjonijiet / offerti għall-mobile toilets jgħalqu nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru 2005.

7.06 Ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ jiġi nfurmat is-Surmast ta' l-iskola primarja Dun Ġużepp Xerri sabiex l-iskart jinħareġ filgħodu u mhux filgħaxija.
- ✓ niġbdu l-attenzjoni lin-Northern Cleaning Co-op Ltd. sabiex l-iskips jbattluhom fis-7.00 a.m u mhux fil-5.00 a.m.
- ✓ s-Sindku s-Sur Peter Bonello jieħu ritratt għand fotografu u jintalab ritratt ta' l-Ex-Sindku s-Sur Charles Sciberras sabiex jitwaħħlu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.
- ✓ Il-Kunsillier Norman Vella jagħti n-numru tal-P.A. lill-amministrazzjoni sabiex issir oġġezzjoni għat-twaqqieħ ta' 95, Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan minħabba li huwa post storiku.
- ✓ Tinġibed l-attenzjoni ta' l-SMS Travel and Tourism sabiex jitnaddaf l-area fejn jipparkjaw il-karrozzi ħdejn The Palms.
- ✓ Tintbagħat ittra l-ADT sabiex ir-Reserved Parking ta' quddiem Hotel Juliani issir bil-ħin mid-9.00 a.m. u s-2.00 p.m. Dan minħabba li l-coaches mhux qed jagħmlu użu minnha u qed jipparkjaw n-naħa l-oħra tat-triq.
- ✓ tintbagħat kopja ta' l-ittra 'incoming ref.' 3651 lill-pulizija għall-attenzjoni tagħhom u jiġi nfurmat il-klijent.

7.07 Il-Kunsilliera Irene Borg ġibded l-attenzjoni tas-Sindku minħabba d-direct orders li qed jagħti lill-kuntrattur ta' l-upkeep and maintenance of roads, fejn saru xogħlijiet f'diversi toroq, mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Dan peress li s-Segretarju Eżekuttiv diġa nfurmat lill-Kunsill biex ikun aktar kawt fix-xogħolijiet u ordnijiet li jingħataw minħabba l-proċeduri u l-finanzjament tal-Kunsill.

7.08 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-6.15 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |